

Dwar PRADO

Public Register of Authentic travel and identity Documents Online REĠISTRU PUBBLIKU TA' DOKUMENTI AWTENTIĊI TA' L-IDENTITÀ U TA' L-IVVJAĠĠAR ONLINE

PRADO huwa sit multilingwi b'informazzjoni dwar dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar awtentiċi. Huwa jinkludi informazzjoni dwar il-validità u dwar aspetti legali oħra, kif ukoll deskrezzjonijiet tekniċi (inklużi deskrezzjonijiet ta' xi wħud mill-elementi ta' sigurtà l-aktar importanti) ta' dawn id-dokumenti.

L-esperti ta' dokumenti fl-Istati Membri kollha tal-UE u fl-Islanda, fin-Norveġja u fl-Isvizzera jipprovdu u jagħżlu l-informazzjoni li għandha tinħareġ għall-pubbliku ġenerali permezz ta' **PRADO**. Il-kumitat ta' tmexxija fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa l-Grupp ta' Fiddma dwar il-Fruntieri fil-formazzjoni tal-esperti dwar Dokumenti Foloż. L-informazzjoni toriġina mis-sistema klassifikata **Expert FADO**.

> [Expert FADO](#) 

Udjenza mmirata:

Pubbliku ġenerali, inkluż organizzazzjonijiet governattivi u non-governattivi, per eżempju:

- ▶ Min iħaddem
- ▶ Servizzi tal-posta
- ▶ Banek, awtoritajiet ta' kreditu
- ▶ Kumpanniji ta' sigurtà u ta' gwardja
- ▶ Aġenziji ta' kiri ta' karozzi, ...

Hi x'inhi l-oriġini ta' dokument, jekk jogħġbok indirizza kwalunkwe mistoqsija relatata magħha lil dokumenti ta' identità u ta' l-ivvjaġġar - punt ta' kuntatt nazzjonali tiegħek.

> [Punti ta' kuntatt nazzjonali](#) 

Huwa biss hemm li tista' tikseb informazzjoni ulterjuri (inkluż dettalji ta' dokumenti barranin). F'każ ta' dubju inti mitlub tikkuntattja lill-pulizija lokali tiegħek.

PRADO huwa organizzat u ospitat mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE (SĠK), fid-Direttorat Ġenerali tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (JAI). Il-parti l-kbira tal-entrati fid-dokumenti ta' **PRADO** huma deskrezzjonijiet standardizzati li jiġu tradotti b'mod awtomatiku fit-24 lingwa uffiċjali attwalment kompatibbli tal-UE. Id-deskrizzjonijiet ta' test ħieles jiġu tradotti minn lingwisti speċjalizzati fis-SĠK.

Jekk jogħġbok ibgħat suġġerimenti għal titjib, osservazzjonijiet dwar żbalji u problemi li ssib lil: helpline.PRADO@consilium.europa.eu

Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (SĠK)

Direttorat Ġenerali Ġustizzja u Affarijiet Interni, Direttorat Affarijiet Interni (JAI.1)

Rue de la Loi 175

1048 Brussell, il-Belġju, l-Ewropa

L-implimentazzjoni u ż-żamma teknika tas-sistema hija mwettqa mis-SĠK – SMART.1.



Ritratt tal-familja: Laqgħa tal-utenti ta' Expert FADO mat-tim tal-FADO fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE fi Brussell. L-esperti tad-dokumenti mill-Ewropa kollha jipprovdu u jagħżlu l-informazzjoni disponibbli fi PRADO.

> [PRADO paġna tal-bidu](#) 

^ [Fuq](#)

NOTA ĠURIDIKA IMPORTANTI - L-informazzjoni fuq dan is-sit hija soġġett għal avviż ta' ċaħda ta' responsabbiltà u termini ta' kondotta u avviż tad-dritt ta' l-awtur.

